**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha 17 ta' April 2002**

**Numru 20**
**Citaz. Nru. 1090/96 FDP**

**Rodrick u Rose konjugi Rogers**

**Vs**

**Brian Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-6 ta' Frar 1994 waqt li l-attur Rodrick Rogers kien qed isuq il-vettura ta' l-atturi mudell Escort targata G-6004 f'Mosta Road, Rabat, il-konvenut, li kien qed isuq vettura

mudell Mercedes targata Y-1070 baqa' diehel fil-vettura ta' proprjeta` ta' l-atturi;

Premess illi in konsegwenza ta' dana l-incident l-attur garrab hsara kbira fil-vettura tieghu filwaqt li martu sfat feruta u mill-mument tal-habta 'l quddiem immanifestaw ruhhom disturbi kronici *inter alia* f'ghonq l-attrici Rose Rodgers liema disturbi harbtu l-hajja socjali u lavorattiva taghha;

Premess illi dana l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja konsegwenti ghan-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Premess illi l-konvenut, interpellat biex jaddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni mgarrba mill-atturi fil-vettura riferita u mill-attrici fil-persuna taghha, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali riferit li in konsegwenza tieghu l-atturi garrbu hsarat kbar fil-vettura taghhom filwaqt li l-attrici sfat feruta u baqghet tbati minn disturbi kronici f'gisimha;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fid-dawl hekk likwidati in linea ta' risarciment ta' danni subiti mill-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi l-ammont ta' danni hekk likwidati in linea ta' risarciment ta' danni subiti mill-atturi;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 1996 u bl-imghaxijiet legali kalkolati mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament tad-danni likwidati kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba ta' l-atturi kellha tigi respinta stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* gara unikament tort ta' l-istess attur;

2. Illi t-tieni talba ta' l-atturi kellha wkoll tigi rigettata stante li ma hemmx danni x'kellu jigi likwidat favur taghhom;

3. Illi ghalhekk isegwi li anki t-tielet talba ta' l-atturi kellha tigi michuda billi l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda danni;

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ta' l-atturi ghall-hlas ta' l-imghax legali b'sehh mid-data tan-notifika ta' ittra ufficjali minnhom prezentata fis-6 ta' Frar

1996 kellha tkun respinta billi d-danni li kienu qed jippretendu kienu ghadhom mhux likwidati u ghaldaqstant se mai l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut illi fiha huwa ppremetta:-

Illi meta kien qed isuq il-karozza tieghu Mercedes Y-1070 gewwa Mosta Road ir-Rabat din sfat involuta fl-incident mal-karozza G-6004 misjuqa mill-attur Rogers, u illi bhala konsegwenza ta' l-istess incident il-konvenut garrab danni li kellhom jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u li ghall-istess incident jahti unikament l-istess attur minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolaenti, li ghalkemm gie interpellat ghal kumpens u risarciment tad-danni baqa' inadempjenti;

Illi wara dawn il-premessi hu talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrab il-konvenut;

2. Tillikwida d-danni tal-konvenut, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk interpellatorja tas-27 ta' Frar 1995, dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996 u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assigurazzjoni ta' l-attur bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-attur Roderick Rogers;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut flimkien mal-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Gunju 1997 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 67 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-28 ta' April tas-sena 2000;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru 2000 li permezz tieghu rrimettiet il-process lill-istess

espert legali biex terga' zzomm seduta halli tixhed l-attrici u jsir il-kontro-ezami tal-pulizija;

Rat ir-relazzjoni ulterjuri ta' l-istess espert legali u dan wara li nstemghu xi xhieda *viva voce* mill-Qorti; liema relazzjoni ulterjuri tinsab a fol 127 *et sequitur* tal-process u li giet debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-20 ta' Gunju 2001;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni ezawrenti taz-zewg abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process inkluzi n-noti pprezentati mill-istess difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturi mizzewgin Rogers ipprezentaw din ic-citazzjoni fejn talbu li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli unikament ghall-incident li gara fis-6 ta' Frar 1994 f'Mosta Road, ir-Rabat bejn karozzi G-6004 u Y-1070; saret ukoll talba ghal-likwidazzjoni u ghall-kundanna tal-hlas ta' dawn id-danni;

Illi l-konvenut minn naha tieghu cahad dawn l-allegazzjonijiet u pprezenta kontro-talba fejn talab dikjarazzjoni illi l-kollizjoni kienet tort

ta' l-istess attur u ghalhekk kellu jigi risarcit ghad-danni sofferti;

Illi din il-habta grat fi triq li tinzel min-nizla tar-Rabat u tibqa' sejjer dritt lejn il-Mosta; illi l-attur Roderick Rogers in sostenn tat-tezi tieghu pprezenta affidavit fejn stqarr li huwa kien sejjer fid-direzzjoni mir-Rabat lejn il-Mosta, huwa xehed illi kellu *speed* ta' hmistax (15)-il mil fis-siegha u meta wasal ghal-liwja ra l-karozza tal-konvenut gejja fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk saret il-habta; huwa ma qabilx ma' l-iskizz li hejja l-pulizija u dan huwa ovvju peress illi dan l-iskizz jindika posizjoni differenti minn dik li jallega l-istess attur. L-attrici Rose Rogers ukoll ipprezentat affidavit iehor fejn ikkonfermat dak li qal zewgha;

Illi minn naha tieghu l-konvenut Brian Mifsud ipprezenta affidavit fejn naturalment qal li huwa kien ghaddej fuq is-*side* t-tajba u kien l-attur li hareg *wrong side* u baqa' diehel fih;

Illi meta tara verzjonijiet tant differenti l-Qorti jkollha tati hafna importanza lix-xhieda tal-pulizija u dan ikkonferma bla tlaqliq li l-vettura tal-konvenut "*sibtha fuq in-naha taghha tat-triq*"; l-iskizz minnu ppreparat sar *to scale* u hadd ma qal li l-vetturi kienu ccaqilqu qabel il-wasla tal-pulizija;

Illi skond ma jidher fl-iskizz imsemmi id-*debris* kollu kien fuq in-naha tal-konvenut u l-espert legali kkonkludiet illi l-htija tal-kolluzjoni kien esklusivament l-attur li allura kellu jigi

kkundannat ihallas lill-konvenut is-somma ta' Lm2000 kif irrizulta mill-atti;

Illi xi differimenti wara l-prezentata ta' l-imsemmi rapport peritali, il-kawza thalliet ghas-sentenza, pero` l-atturi talbu li tinstema mill-gdid l-attrici Rose Rogers; il-Qorti laqghet din it-talba u wara li semghet lill-istess attrici *viva voce* ordnat li l-process jigi rimess lill-espert legali kemm biex tixhed l-istess attrici kif ukoll biex isir l-eventwali kontro-ezami tar-rapprezentant tal-pulizija li hejja l-iskizz;

Illi meta sar dan il-kontro-ezami ta' PS1414 Anthony Zammit l-atturi insistew hafna fuq il-fatt illi l-iskizz tieghu sar meta kien id-dlam u l-istess xhud ikkonferma li ghalkemm kien id-dlam "*il-kejl kien ezatt tant li fl-iskizz iddikjarajt li hu 'to scale'*"; dwar il-mizurezzjonijiet mehuda huwa kkonferma li ma kellux diffikultajiet u zied jghid "*biex inkejjel mhux difficli ghax PC 265 zamm naha u jien naha ohra u naraw bit-torch*"; huwa seta' jara idejn il-kuntistabbli li kien qieghed izommlu r-rutella u li d-dawl tat-traffiku l-iehor niezel u tiela kien jghin biex il-posizzjoni tidher ahjar. Illi ghad-domanda jekk il-karozza G-6004 kienetx pied 'il boghod mill-bankina fuq in-naha taghha, is-Surgent irrisponda illi anqas biss kien hemm bankina;

Illi wara dan kollu l-Qorti wkoll ippermettiet il-produzzjoni ta' familjari ta' l-attrici biex jippruvaw jiskreditaw l-iskizz esebit; dawn xehdu li "*il-habta grat aktar lejn in-naha tax-xellug milli tidher fl-isketch*" u gie wkoll indikat il-post fejn l-atturi jghidu li grat il-habta; ma

jistax ma jigix osservat li dana mhux xi post wisq *wrong side* u ghalhekk ma jidhirx li jikkontradici wisq il-*point of impact* indikat fl-iskizz ghalkemm ghamlu hafna insistenzi dwar id-distanzi bejn il-vetturi u l-hajt;

Illi ma jistax ma jigix ukoll rilevat li l-attrici ghalkemm ukoll ikkonfermat li ma kinetx taqbel ma' l-iskizz pero` hija stqarret "*jiena ma niftakarx peress li intlift. Jien haduni l-polyclinic u wara l-isptar. Is-surgent fuq il-post ma niftakrux*";

Illi meta rega' gie imsejjah ix-xhud rapprezentant tal-pulizija dana ikkonferma l-mizuri u l-korrettezza ta' l-iskizz u l-Qorti kellha okkazzjoni tisma' fid-dettal ix-xhieda kollha rilevanti ghal dan il-kaz oltre l-istqarrijiet taghhom fl-affidavit u quddiem l-espert legali, u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha ma taqbilx ma' l-iskizz esebit l-aktar meta dan huwa maghmul *to scale* u inoltre hemm mizurezzjonijiet precizi tal-punti kollha rilevanti;

Illi ghalhekk minn dan l-iskizz u mix-xhieda prodotti l-Qorti taqbel illi l-karozza tal-konvenut kienet dejjem fin-naha taghha tat-triq u din giet invasa mill-karozza ta' l-attur li ghalhekk kien il-persuna responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni;

Illi dwar id-danni sofferti dawna gew indikati fi stadju kmieni tal-kawza mill-istess konvenut u l-atturi bl-ebda mod ma kkontestaw dawn l-ammonti reklamati.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti, barra milli tiddikjara li l-kollizjoni li grat fis-6 ta' Frar 1994 bejn il-karozza G-6004 u Y-1070 grat unikament tort ta' l-attur Roderick Rogers li kien qed isuq l-imsemmija karozza G-6004, tichad id-domandi attrici kif dedotti fic-citazzjoni;

Filwaqt li tilqa' l-Ewwel Kontro-Talba u tiddikjara li l-attur Roderick Rogers kien unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

Tilqa' t-Tieni Kontro-Talba u tillikwida d-danni sofferti mill-istess konvenut fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2000);

Tilqa' wkoll it-Tielet Kontro-Talba u tikkundanna lill-istess attur Roderick Rogers ihallas lill-konvenut is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) bhala danni sofferti bhala rizultanza ta' l-incident in kwistjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-istess atturi, flimkien ma' l-imghax mid-data ta' meta din is-Sentenza tghaddi in gudikat.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur